MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2009

Numru. 682/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Ferdinando Apap, ta' 15-il sena bin Carmel u Michelina nee' Rapa,**
**imwieled Victoria, nhar id-29 ta' Lulju, 1992, residenti fil-fond**
**numru 52, Triq il-Hamri, Ghajnsielem, detentur tal-karta**
**tal-identita' numru 27792(G)**

**U**

**Roderick Apap, ta' 20 sena bin Carmel u Michelina nee' Rapa,**
**imwieled Victoria, nhar l-01 ta' Frar, 1987, residenti fil-fond**

**numru 52, Triq il-Hamri, Ghajnsielem, detentur tal-karta**
**tal-identita' numru 7187(G)**

**U**

**Clayton Farrugia,  ta' 21 sena bin Consilio u Loreta nee' Xerri,**
**imwieled Victoria, nhar it-30 ta' Settembru, 1985, residenti fil-fond**
**numru 6, Triq is-Simirate, Ghajnsielem, detentur tal-karta**
**tal-identita' numru 41085(G)**

**U**

**Roderick Sultana, ta' 20 sena bin Paul u Catherine nee' Magro,**
**imwieled Victoria, nhar il-11 ta' Dicembru, 1985, residenti fil-fond**
**numru 6, Triq is-Simirate, Ghajnsielem, detentur tal-karta**
**tal-identita' numru 2786(G)**

**U**

**Andre Xuereb, ta' 17-il sena, bin Raymond u Bernardette nee' Xuereb,**
**imwieled Victoria, nhar id-29 ta' Gunju, 1990, residenti fil-fond**
**numru Sunflower, Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, detentur tal-karta**
**tal-identita' numru 23990(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija Ferdinando Apap, Roderick Apap, Clayton Farrugia, Rederick Sultana u Andre Xuereb li gew akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer nhar it-23 ta' Awwissu, 2007, gewwa Ghajnsielem, ghall-habta tas-siegha u nofs ta' filghodu (1:30a.m.);

a) hebbew kontra persuni sabiex jingurjaw, idejqu jew jaghmlu hsara lil Adam Chandeller, Joshua Cohen, Michael Holloway, Paul Holloway, Daniel Pallace, Robert Pallace u Steve Pluner kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici;
b) ghamlu jew ingurjaw lill-imsemmija Adam Chandeller, Joshua Cohan, Michael Holloway, Paul Holloway, Daniel Pallace, Robert Pallace u Steven Pluner jew theddid mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-Kodici, jew jekk ikun ipprovokat, ingurjaw b'mod li johrog barra mill-limiti tal-provakazzjoni;
c) imbottaw lill-imsemmija Adam Chandeller, Joshua Cohen, Michael Holloway, Paul Holloway, Daniel Pallace, Robert Pallace u Steven Pluner fit-triq biex iwegghu jew jinsultawhom;
d) u aktar talli fl-istess post, data, hin, kisru il-bon ordni u paci pubblika, b'ghajjat u storbju, kif ukoll dagha u kliem fahxi;

Lil **Ferdinando Apap** wahdu talli fl-istess data, hin u cirkostanzi;

e) talli kkaguna griehi ta' natura hafifa lil Adam Chandler skond ma ccertifika Dr. TG Farrugia MD;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi mill-fatti esposti f'dan il-kaz fil-kors tas-smigh tal-provi, irrizulta illi l-incident mertu ta' din il-kawza kellu bhala qofol tieghu glieda bejn zewg gruppi ta' zghazagh wiehed Malti u l-iehor Ingliz. L-incident inqala' f'diskoteka organizzata f'gieh il-festa tar-rahal ta' Ghajnsielem. Jidher illi z-zghazagh tlewmu ghar-rigward ta' xi tfajliet Inglizi li kienu fil-kumpanija taz-zghazagh Maltin, izda li maghhom

iz-zghazagh Inglizi kienu ltaqghu f’xi bar vicin qabel ma nizlu din id-diskoteka;

Jidher illi t-tfajliet kienu fil-kumpanija ta’ Ferdinando Apap u Clayton Farrugia meta gew avvicinati minn xi zaghzugh Ingliz. X’gara ezattament f’dan il-punt ma huwiex car peress illi filwaqt illi l-Inglizi involuti Steve Pluner u Robert Pallace jghidu illi huma ghamlu xejn ghajr li kellmu lit-tfajliet li kienu fil-kumpanija ta’ Fredinando Apap u Clayton Farrugia, dawn min-naha taghhom stqarrew illi l-Inglizi bdew jittantaw lil dawn it-tfajliet u li wiehed minnhom anke beda joffendi lil Apap peress illi dan tal-ahhar kien b’zaqqu barra. Ukoll ma huwiex cert kif iz-zghazagh gew fl-idejn ghaliex filwaqt li l-Inglizi jistqarru illi Ferdinando Apap imbuttahom u Hussein Hamada qabad lil Michael Holloway minn idejh, il-Maltin jghidu bil-kontra u cioe’ illi l-Inglizi mbuttawhom u hebbew ghalihom u li huma fl-ebda hin ma sawtuhom jew hebbew ghalihom;

Illi madanakollu jirrizulta mill-atti processwali illi z-zghazagh Maltin telqu jigru wara l-Inglizi ghas-sodisfazzjon. Dana huwa ammess kemm mill-imputat, kif ukoll miz-zewg zghazagh l-ohra Maltin li xehdu f’dawn il-proceduri. L-Inglizi fil-fatt kollha jikkonfermaw illi l-Maltin bdew jigru warajhom tant illi huma bezghu u whud minnhom anke nhbew f’xi ghelieqi fil-vicin. Inoltre ghalkemm iz-zghazagh Maltin fosthom Ferdinando Apap u Roderick Sultana jghidu illi z-zghazagh Inglizi bdew isawtuhom u anke bdew ituhom bis-sieq tant illi anke sofrew xi griehi, (ara fol. 80 u 83), madanakollu l-ebda certifikat mediku ma gie provdut sabiex jissostanzja dawn l-allegazzjonijiet;

Il-Qorti ghalhekk temmen illi dana l-incident verament sehh minhabba incident li nqala’ bejn dawn iz-zghazagh ghar-rigward tat-tfajliet Inglizi li kienu prezenti, izda jidher illi z-zghazagh Maltin ma ghogbithomx l-attitudni tal-Inglizi u ghalhekk aggredewhom sabiex ibezzghawhom u jitilqu minn hemm;

Illi nonostante mill-provi migjuba fl-atti processwali huwa difficli sabiex jigi stabbilit ezattament dak li sehh fil-glieda

u dana peress illi l-Inglizi ma gharfux lill-aggressuri kollha taghhom, jidher illi kollha jindikaw lil Ferdinando u lil Clayton Farrugia bhala z-zewg zghazagh li kienu nvoluti principalment f'dana l-incident. Jghidu illi kien Ferdinando Apap li mbuttahom, raw lil Clayton Farrugia jaghti xi daqqiet lil Michael Holloway u lil Steven Pluner, kif ukoll identifikaw lill-imputat Hussein Hamada bhala l-persuna li hataf lil Michael Holloway minn idejh u li mbaghad telaq jigri warajhom. Ghalkemm jghidu wkoll illi lil Roderick Sultana rawh ukoll hemmhekk, izda jghidu wkoll illi dana z-zaghzugh ma rawh jaghmel xejn, (ara x-xhieda ta' Joshua Cohen, Steven Pluner, Robert Pallace, Michael Holloway, Adam Chandeller, Paul Hollyway u Daniel Pallace);

Illi f'dana l-incident jidher illi kienu biss Adam Chandeller u Paul Hollyway li sofrew xi griehi. Madanakollu mix-xhieda ta' Dr. Teddy George Farrugia li ezaminahom, jirrizulta illi l-griehi sofferti minn dawn iz-zewg zghazagh kienu griehi ta' natura hafifa biss, (ara xhieda a fol. 57);

Ikkunsidrat;

Illi l-imputati kollha jinsabu akkuzati ili hebbew ghal Adam Chandeller, Joshua Cohen, Michael Holloway, Paul Holloway, Daniel Pallace, Robert Pallace u Steve Pluner, li ngurjawhom u li mbuttawhom oltre illi kisru l-bon ordni u l-paci pubblika. Illi l-imputat Ferdinando Apap wahdu jinsab akkuzat illi kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Adam Chandeller. Illi kif diga' gie rilevat aktar 'il fuq jidher illi kienu biss l-imputati Ferdinando Apap u Clayton Farrugia li kienu nvoluti b'mod ewlieni f'dana l-incident. Illi z-zghazagh Inglizi ma gharfu lil hadd iktar mill-imputati l-ohra ghajr lil Roderick Sultana li jghidu li rawh hemmhekk izda ma rawh jaghmel xejn u lil Hussein Hamada. Illi mix-xhieda taz-zghazagh Inglizi, jidher illi Ferdinando Apap imbotta lil xi whud minnhom u illi Clayton Farrugia xejjer xi daqqiet fid-direzzjoni ta' Steven Pluner u Michael Holloway, li mbaghad marru jigru wara dawn iz-zghazagh Inglizi ghas-sodisfazzjoni meta dawn tal-ahhar harbu minn fuq il-post ghax bezghu minhabba l-kommozzjoni li nqalghet;

Iz-zghazagh Inglizi jghidu illi z-zghazagh Maltin l-ohra li kienu qed jigru warajhom u li aggredewhom, ma kinux kapaci jidentifikawhom ghax kien id-dlam, Illi l-Qorti tghid minghajr tlaqlieq illi hija ma temminx ix-xhieda ta' Ferdinando Apap u Clayton Farrugia meta dawn jghidu illi ma ghamlu xejn ghaliex certament kienu rritati ghall-fatt illi l-Inglizi kienu avvicinaw lit-tfajliet taghhom tant illi anke telqu jigru warajhom flimkien mal-imputati l-ohra. Lanqas ma tista' l-Qorti taghti wisq piz lix-xhieda tat-tfajliet Inglizi Rebecca Graham u Lacy Tyler Edwards meta dawn jghidu illi ma raw xejn mill-glieda u min kien involut fl-istess meta dawn jistqarru illi kienu fil-kumpanija kemm taz-zghazagh Inglizi kif ukoll ta' Apap u Farrugia f'dik il-lejla !!

Ghaldaqstant filwaqt illi l-ebda imputazzjoni ma giet ippruvata fil-konfront ta' Roderick Apap, Roderick Sultana u Andre Xuereb, madanakollu l-istess ma jistax jinghad ghall-imputati l-ohra Ferdinando Apap u Clayton Farrugia;

Illi l-ewwel (1) u r-raba' (4) imputazzjonijiet jirrizultaw ampjament ippruvati fil-konfront ta' Clayton Farrugia u cioe' illi huwa hebb ghaz-zghazagh Inglizi Michael Holloway u Steven Pluner u illi bl-agir tieghu kiser il-bon ordni u l-paci pubblika. Madanakollu ma giex ippruvat illi Farrugia qal xi kliem ingurjuz jew ta' theddid fil-konfront tan-nies indikati fl-akkuza u wisq anqas illi huwa qal xi kliem fahxi konsistenti f'dagha;

Illi fil-konfront tal-imputat Ferdinando Apap jirrizulta illi huwa hebb ghal Steven Pluner, Michael Holloway kif ukoll li mbuttahom, izda ma giex ippruvat illi kien hu li kkaguna xi feriti lil Adam Chandeller u lanqas illi qal xi kliem ingurjuz jew ta' theddid fil-konfront taz-zghazagh Inglizi. Illi r-raba' (4) akkuza tirrizulta wkoll ippruvata fil-konfront tieghu ghalkemm minn imkien mill-provi ma johrog illi huwa qal xi kliem ta' dagha jew kliem iehor fahxi;

Ghalqastant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 338(dd) u 339 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt illi tillibera lill-

imputati Roderick Apap, Roderick Sultana u Andre Xuereb minn kull akkuza migjuba fil-konfront taghhom, issib lill-imputat Clayton Farrugia hati tal-ewwel (1) u r-raba' (4) akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ihallas ammenda ta' hamsa u ghoxrin ewro (€25) ghal kull imputazzjoni, (b'kollox hamsin ewro (€50)), issib lill-imputat Ferdinando Apap hati tal-ewwel (1), it-tielet (3) u r-raba' (4) akkuzi u tikkundannah ihallas ammenda ta' hamsa u ghoxrin ewro (€25) ghal kull imputazzjoni, (b'kollox hamsa u sebghin ewro (€75)), filwaqt li tilliberahom mill-kumplament tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------